**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 42 – IT-TNEJN, 23 TA' MARZU 2015 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier (5.45pm) |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 41**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 5.3 għandha tiżdied is-sentenza "Il-Kunsillier Rita Saliba għandha tavża jekk hiex ser taċċetta din l-kariga".

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Rita Salibassekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-minuti**

2.1 Rigward paragrafu 2.1, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn il-ħlasijiet iridu jiġu mħallsa backdated minn meta ġie ffirmat il-Collective Agreement.

Is-Sur Malcolm Abdilla daħal għal-laqgħa fis-5.45pm.

2.2 Rigward paragrafu 5.3, is-Sinjura Rita Saliba nfurmat lill-Kunsill li hi mhux ser taċċetta il-kariga li ngħatat.

**3 Pagamenti Numru 36**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Aġġudikazzjoni tat-Tenders

4.1 SGLC/T/05/15 Sweeping and Cleaning in Kappara. Il-Kunsill innota r-rapport mill-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara. Fuq dan, is-Sur Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' Owen Borg. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 SGLC/T/03/15 Sweeping and Cleaning in San Ġwann Zone A. Il-Kunsill innota r-rapport mill-Bord. Fuq dan is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' Owen Borg. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.3 SGLC/T/04/15 Sweeping and Cleaning in San Ġwann Zone B. Il-Kunsill innota r-rapport tal-Bord. Kien hemm diskussjoni fuq dan. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li tiġi aċċettata l-offerta ta' Twish Co Ltd. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm 7 favur u 2 astensjoni. Is-Sur Trevor Fenech qal li jistenna li x-xogħol ikun aħjar minn dak ta' qabel. Is-Sinjura Marica Bayliss ikkummentat li globalment, il-Kunsill ser ikun qed iħallas inqas għal knis minn qabel.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata korrispondenza mill-Aġenzija Żgħażagħ. Il-Kunsill qabel li jiġi iffurmat il-Kunsill taż-żgħażagħ f'San Ġwann u jidħol f'obbligu li jiffinanzja 20% sa massimu ta' 600 Ewro, jekk jiġi aċċetta l-proġett propost.

5.2 Kien hemm diskussjoni fuq talba biex jibdew isiru Art Classes fil-Kunsill. Il-Kunsill innota li hija inizjattiva tajba imma ma ġietx aċċettata minħabba nuqqas ta' spazju.

5.3 Ġiet innutata talba għal Advertizing mill-Kumpanija Bo Concepts. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dawn isiru, sakemm ikun hemm No Objection mill-Enemalta peress li dawn r-reklamar ser jitwaħħlu mal-arbli tad-dawl.

5.4 Kien hemm diskussjoni rigward għajuna finanzjarja għal korsijiet tal-life-long learning. Kien hemm qbil li ma ssirx l-applikazzjoni.

## 6 Komunikazzjoni mis-Sindku

.

6.1 Kien hemm diskussjoni fuq l-istma tal-Perit biex tingħata wiċċ ġdid Triq il-Fikus. Ġie innutat li dawn ix-xogħlijiet ma jinkludux skarifijing. Ġie deċiż li terġa' ssir komunikazzjoni mal-Perit rigward il-livelli tat-triq kif proposta bit-tarmac il-ġdid u l-livelli tal-garaxxijiet li jinsabu f'din it-triq.

## 7 Affarjiet Oħra

7.1 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li hi kienet iltaqgħat ma' rappreżentant tal-ETC biex isiru diversi avvizi rigward skema għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

7.2 Is-Sur Trevor Fenech staqsa jekk hemmx il-bżonn ta' Contracts Manager. Is-Sindku wieġbu li f'dan il-mument ma jinħass il-bżonn tiegħu.

7.3 Is-Sur Mikhail Micallef u is-Sur Trevor Fenech informaw lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat taż-Zgħażagħ ser jorganizza tournament tal-football f'Ta' Żwejt fis-7 ta' April 2015. Kien hemm qbil li jinkera mobile toilet. Huma nformaw lill-Kunsill ukoll li s-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ ser jorganizza ġbir ta' ikel preservat għall-missjoni.

7.3.1 Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa ta' kortesija ma' Brother Miguel Zammit, nhar it-Tnejn, 20 ta' April 2015 fil-5.30pm.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-6.35pm

7.4 Is-Sur Dominic Cassar talab ukoll biex isir bin fi Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq San Ġwann tal-Għorgħar peress li jinsab bus stop hemm. Kien hemm qbil unanimu.

## 8 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 6 ta' April 2015 fil-5.30pm.

________________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**